# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum il-Ġimgħa, 11 ta’ Diċembru, 2015

**Kawża Nru: 22**

**Rikors Ġuramentat Nru: 777 / 12 JA**

**Anthony u Carmena konjuġi Camilleri**

**-vs-**

**Peter Agius u Angelo Agius**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fis-2 ta’ Awwissu 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi in segwitu għal subbasta enumerata 95/2010 il-fond 52, Flat 1, Triq Gafá, Mosta, ġie liberat a favur tar-rikorrenti Anthony u Carmena konjuġi Camilleri {K.I. 380433M u K.I. 117633M} u dan skond Dokument ‘A’ anness;

Illi l-imsemmi fond huwa fond liberu u frank, u dan anke kif konfermat mir-rapport Peritali fl-atti tas-subbasta 95/2010;

Illi l-intimati Peter Agius u anke Angelo Agius qegħdin jirrifjutaw li jivvakaw mill-proprjetá 52, Flat 1, Triq Gafá, Mosta, b'dan illi r-rikorrenti ma jistgħux jeċċedu fil-proprjetá tagħhom;

Illi r-rikorrenti debitament ħallsu t-taxxi relattivi fuq il-proprjetá 52, Flat 1, Triq Gafá, Mosta in segwitu għal liberazzjoni, u kullma jonqos huwa li huma jirkupraw il-proprjetá tagħhom;

Illi r-rikorrenti in segwitu tal-proceduri ta' subbasta hawn ċitati, legalment huma s-sidien tal-proprjetá 52, Flat 1, Triq Gafa, Mosta, u għandhom kull interess sabiex ikollhom il-pussess battal tal-istess proprjetá;

Illi l-intimati ma għandhom l-ebda titolu validu fuq il-proprjetá 52, Flat 1, Triq Gafá, Mosta;

Illi l-esponenti flimkien ma' martu jikkonferma li jafu l-fatti fuq imsemmija personalment u li l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet validi xi jressqu.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex din I-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna li l-intimati sabiex jiżgombraw mill-fond 52, Flat 1, Triq Gafá Mosta fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura.

Bl-interessi mid-data tal-preżentata ta' dan r-rikors ġuramentat u bl-spejjeż kontra l-intimati u b'riżerva għal kwalsijasi spejjeż ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimati, liema intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti ġew awtoriżżati jikkontestaw il-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fit-2 ta' Ottubru 2012, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 15 ta' Ottubru 2009 iffirmat bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja u fejn ġiet ukol1 iskritta favur l-atturi ipoteka speċjali u ipoteka ġenerali huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Konsegwentement isegwi illi l-atti tas-subasta a bażi ta' liema l-atturi qed jibbażaw il-pretenzjoni tagħhom huma wkoll nulli, kif huwa null ukoll allura t-titolu tal-atturi.

2. Illi in effetti mart Peter Agius, u ċjoe' Doris Agius ippreżentat kawża liema kawża għandha ċ-ċitazzjoni numru 939/12 SM.

3. Illi in vista ta' dan din il-Qorti għandha tordna l-konnessjoni tal-kawżi jew inkella tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża l-kawża msemmija.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-istess konvenuti ma ressqux provi fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2015 meta l-kawża dakinhar kienet imħollija għall-provi kollha tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-istess data fejn il-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuti jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni u dan peress li l-istess atturi akkwistaw il-fond stess permezz tal-proċeduri tas-subasta; il-konvenuti għalkemm allegaw li l-kuntratt li wassal għas-subbasta kien null lanqas ma rribadew il-prova mressqa skond l-atti preżentati – anzi jirriżulta li l-kawża li huma istitwew biex jagħmlu talba li l-att kien null ġiet deċiża kontra tagħhom u l-appell li interponew fir-rigward mar deżert, u dan jirrizulta mill-atti; għalhekk it-talba attriċi tirriżulta ġustifikata.

**DEĊIŻJONI:**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fl-ewwel lok tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* d-digriet tal-24 ta' Settembru 2012; tilqa' t-talbiet l-oħra kollha tal-atturi, u għall-fini tat-tieni talba tordna lill-konvenuti jiżgumbraw fi żmien xahar mill-proprjetá in kwistjoni.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |